

Brussell, 27 ta' Jannar 2021  
(OR. en)

5674/21  
ADD 1

FIN 65

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2021) 320 final / ANNEXES 1 to 3
Suġġett:	ANNEXI tad- DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI dwar ir-riporti mhux awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mill-2020 għall-2021

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2021) 320 final / ANNEXES 1 to 3.

---

Mehmuż: C(2021) 320 final / ANNEXES 1 to 3



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 25.1.2021  
C(2021) 320 final

ANNEXES 1 to 3

## **ANNESI**

**tad-**

### **DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**dwar ir-riporti mhux awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mill-2020 għall-2021**

## ANNEX I

### IR-RIPORT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET MHUX DIFFERENZJATI

#### A. Ħarsa ġenerali

Nru	2020 Baġit	Intestatura	2021 Baġit	Regolament (UE, Euratom) 2018/1046	Ammont li għandu jiġi riportat (f'EUR)
1	10 01 05 14	Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka -- Programm Euratom	01 01 02 13	l-Artikolu 12(2)(a)	11 878 091,64
		<b>Intestatura 1.a - Total</b>			<b>11 878 091,64</b>
2	05 03 09	Rimborż ta' pagamenti diretti lill-bdiewa minn approprijazzjonijiet riportati b'rabta mad-dixxiplina finanzjarja	08 02 05 12	l-Artikolu 12(2)(d)	475 004 165,00
		<b>Intestatura 2 - Total</b>			<b>475 004 165,00</b>
		<b>Total Finali</b>			<b>486 882 256,64</b>

#### B. Ammont f'EUR li għandu jiġi riportat għal kull linja u r-raġunijiet

##### **1 10 01 05 14 - Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka -- Programm Euratom**

Approprijazzjoni awtorizzata fl-2020	20 018 830,00
Impenji li saru fil-31.12.2020	8 140 738,36
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	11 878 091,64
<b>Riport</b>	<b>11 878 091,64</b>

Is-sit ta' Karlsruhe taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) qiegħed jibni bini ġdid għal-laboratorju (Wing M). Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw il-proġett f'Mejju 2016, ix-xogħlijiet bdew f'Settembru 2016 u l-proġett kellu jitlesta sal-bidu tal-2020. Il-kostruzzjoni qed isseħħ fil-qafas ta' modernizzazzjoni ġenerali, titjib tas-sikurezza u s-sigurtà, prestazzjoni ambjentali u razzjonalizzazzjoni tas-sit nukleari ta' Karlsruhe. Id-dewmien fl-implimentazzjoni huwa prinċipalment dovut għan-nuqqas ta' ħidma ta' wieħed mill-kuntratturi inkarigati mill-istallazzjonijiet tekniċi. Il-JRC jinsab f'kuntatt mill-qrib mas-Servizz Legali tal-Kummissjoni biex isolvi l-kunflitt u jsib soluzzjoni sostenibbli. Il-biċċa l-kbira tal-istadji preparatorji għall-kuntratt relatati mal-istallazzjonijiet tekniċi tlestew iżda ma jistgħux jiġu ffinalizzati qabel ma tittieħed deċiżjoni fil-konfront tal-kuntrattur. Huwa mistenni li l-ftehim mal-kuntrattur jintlaħaq kmieni fl-2021. Għalhekk, abbażi tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-ammont ta' EUR 11 878 091,64 għandu jiġi riportat biex jippermetti l-impenn għal dan il-proġett ta' bini qabel tmiem l-2021.

## 2 05 03 09 - Rimborż ta' pagamenti diretti lill-bdiewa mill-approprjazzjonijiet riportati b'rabta mad-dixxiplina finanzjarja

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	478 000 000,00
Impenji li saru fil-31.12.2020	0,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	478 000 000,00
<b>Riport</b>	<b>475 004 165,00</b>

Abbażi tal-punt (d) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046, l-approprjazzjonijiet mhux impenjati tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt il-ġestjoni kondiviża jistgħu jiġu riportati għas-sena finanzjarja ta' wara, filwaqt li jitħares il-limitu ta' 2 % tal-approprjazzjonijiet inizjali jew l-ammont tal-aġġustament tal-pagamenti diretti għad-dixxiplina finanzjarja kif jissemma fl-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> li jkun ġie applikat matul is-sena finanzjarja preċedenti. F'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, dan l-ammont se jiġi rimborżat lill-benefiċjarji finali li huma soġġetti, fis-sena finanzjarja li fiha l-approprjazzjonijiet jiġu riportati, għar-rata ta' aġġustament.

Ammont totali ta' EUR 478 000 000 ta' approprjazzjonijiet mhux impenjati ġie trasferit mill-partita 05 03 10 - Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu, għall-partita 05 03 09 - Rimborż ta' pagamenti diretti lill-bdiewa minn approprjazzjonijiet riportati b'rabta mad-dixxiplina finanzjarja.

Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/1769<sup>2</sup> jistabbilixxi l-ammonti li kull Stat Membru għandu jirrimborża lill-bdiewa u jiddetermina li n-nefqa f'rabta ma' dan ir-rimborż għandha tkun eliġibbli biss għall-finanzjament tal-Unjoni, jekk l-ammonti jkunu tħallsu lill-benefiċjarji qabel is-16 ta' Ottubru 2021. Dawn l-ammonti jikkorrispondu mad-dixxiplina finanzjarja applikata mill-UE-27 matul is-sena finanzjarja 2020 għal ammont totali ta' EUR 433 620 887. Ir-Renju Unit applika dixxiplina finanzjarja għal ammont ta' EUR 41 383 287. Għalhekk, ammont totali ta' EUR 475 004 165 għandu jiġi riportat mill-partita 05 03 09 għall-baġit 2021 u jkun disponibbli għall-Istati Membri għar-rimborż fl-UE-27 u għas-saldu finanzjarju mar-Renju Unit.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

<sup>2</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1769 tal-25 ta' Novembru 2020 dwar ir-rimborż, f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja tal-2020 (ĠU L 398, 27.11.2020, p.4-5).

## ANNEX II

### IR-RIPORT TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN

#### A. Ħarsa ġenerali

Nru	2020 Baġit	Intestatura	2021 Baġit	Regolament (UE, Euratom) 2018/1046	Ammont li għandu jiġi riportat (f'EUR)
1	01 04 77 03	Proġett pilota -- Mudelli ta' approċċi bbażati fuq l-impatt soċjali għall-akkomodazzjoni soċjali u l-emanċipazzjoni tar-Rom: l-ittestjar tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi għal eżiti soċjali aħjar	PP 02 20 01	l-Artikolu 12(2)(a)	1 000 000,00
2	04 03 15	L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)	07 10 09	l-Artikolu 12(2)(a)	640 720,43
		<b>Intestatura 1.a – Total</b>			<b>1 640 720,43</b>
3	04 02 62	Fond Soċjali Ewropew -- Reġjuni aktar żviluppatti -- Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	07 02 99 01	l-Artikolu 12(2)(a)	8 228 685,00
		<b>Intestatura 1.b – Total</b>			<b>8 228 685,00</b>
		<b>Total Finali</b>			<b>9 869 405,43</b>

#### B. Ammont f'EUR li għandu jiġi riportat għal kull linja u r-raġunijiet

##### **1 01 04 77 03 Proġett pilota -- Mudelli ta' approċċi bbażati fuq l-impatt soċjali għall-akkomodazzjoni soċjali u l-emanċipazzjoni tar-Rom: l-ittestjar tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi għal eżiti soċjali aħjar**

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	1 000 000,00
Impenji li saru fil-31.12.2020	0,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	1 000 000,00
<b>Riport</b>	<b>1 000 000,00</b>

Il-biċċa l-kbira tal-istadji preparatorji għall-proċedura ta' impenn tlestew. Il-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (CEB), il-bank tal-iżvilupp soċjali tal-Ewropa, intgħażel bħala beneficijarju tal-għotja (u sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għall-proġett pilota) u qed jitħejja Ftehim ta' Kontribuzzjoni abbażi tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija Finanzjarja ffirmat mas-CEB f'Ġunju 2020. Għal raġunijiet ta' organizzazzjoni interna tas-CEB (iż-żieda relatata mal-COVID-19 fl-ammont ta' xogħol tas-CEB, id-dewmien fil-proċeduri ta' governanza interna mfasla biex jippermettu lis-CEB jirċievi l-fondi), is-CEB ma setax jiffirma l-Ftehim ta' Kontribuzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-proċeduri interni tas-CEB huma madankollu avvanzati biżżejjed biex jippermettu l-impenn tal-appropriazzjonijiet sal-31 ta' Marzu 2021. Għaldaqstant, abbażi tal-punt (a)

tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għandu jiġi riportat l-ammont ta' EUR 1 000 000.

## 2 04 03 15 L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	12 577 525,00
Impenji li saru fil-31.12.2020	11 666 181,99
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	911 343,01
<b>Riport</b>	<b>640 720,43</b>

L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol bħalissa hija ġestita mill-Kummissjoni u se ssir awtonoma matul l-2021. Tliet impenji individwali dwar kuntratt qafas (FWC) ma setgħux jiġu ffinalizzati sal-31 ta' Diċembru 2020. Dawn jikkonċernaw it-talba għal servizz taħt l-FWC għal tagħmir awdjoviżiv u tal-kmamar tal-laqgħat għall-bini tal-ELA fi Bratislava. L-ELA rċeviet l-approvazzjoni meħtieġa bħala parti mill-proċedura standard taħt dan l-FWC fit-18/12/2020. Ma kienx hemm biżżejjed żmien biex wieħed jipproċedi bl-impenji relatati qabel tmiem is-sena. Għaldaqstant, abbażi tal-punt (a) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għandu jiġi riportat l-ammont ta' EUR 640 720,43.

## 3 04 02 62 Fond Soċjali Ewropew -- Reġjuni aktar żviluppatti – Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	4 040 986 197,00
Impenji li saru fil-31.12.2020	4 031 101 951,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	9 884 246,00
<b>Riport</b>	<b>8 228 685,00</b>

Il-proċess ta' deċiżjoni għall-emenda tal-programm operazzjonali "Trento 2014IT05SFOP018" ma setax jiġi ffinalizzat fl-2020. Madankollu, il-proċedura ta' adożzjoni hija avvanzata biżżejjed u l-konsultazzjoni bejn is-servizzi ngħalqet mingħajr opinjoni negattiva. Għalhekk, sabiex jinżamm l-ammont globali tal-allokkazzjoni nazzjonali Taljana għall-Fond Soċjali Ewropew, u abbażi tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għandu jiġi riportat l-ammont ta' EUR 8 228 685.

**ANNEX III****IR-RIPORT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT****A. Ħarsa ġenerali**

<b>Nru</b>	<b>2020 Baġit</b>	<b>Intestatura</b>	<b>2021 Baġit</b>	<b>Regolament (UE, Euratom) 2018/1046</b>	<b>Ammont li għandu jiġi riportat (f'EUR)</b>
1	01 04 77 03	Proġett pilota -- Mudelli ta' approċċi bbażati fuq l-impatt soċjali għall-akkomodazzjoni soċjali u l-emanċipazzjoni tar-Rom: l-ittestjar tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi għal eżiti soċjali aħjar	PP 02 20 01	l-Artikolu 12(2)(c)	250 000,00
		<b>Intestatura 1.a - Total</b>			<b>250 000,00</b>
2	18 07 01	Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni	06 07 01	l-Artikolu 12(2)(c)	378 772 302,98
3	33 03 05	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	07 10 08	l-Artikolu 12(2)(c)	1 957 681,26
		<b>Intestatura 3 - Total</b>			<b>380 729 684,24</b>
4	23 03 02 02	Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar f'pajjiżi terzi	06 05 99 02	l-Artikolu 12(2)(c)	16 609 282,47
		<b>Intestatura 4 - Total</b>			<b>16 609 282,47</b>
5	26 03 77 06	Azzjoni preparatorja -- Governanza u kwalità tal-kodiċi tas-software -- Verifika ta' software liberu u b'sors miftuħ	PA 20 17 01	l-Artikolu 12(2)(c)	45 000,00
		<b>Intestatura 5 - Total</b>			<b>45 000,00</b>
		<b>Total Finali</b>			<b>397 634 266,71</b>

## **B. Ammont f'EUR li għandu jiġi riportat għal kull linja u r-raġunijiet**

### **1 01 04 77 03 Proġett pilota -- Mudelli ta' approċċi bbażati fuq l-impatt soċjali għall-akkomodazzjoni soċjali u l-emanċipazzjoni tar-Rom: l-ittestjar tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi għal eżiti soċjali aħjar**

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	250 000,00
Pagamenti li saru fil-31.12.2020	0,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	250 000,00
<b>Riport</b>	<b>250 000,00</b>

Huwa propost li l-appropriazzjonijiet ta' impenn għal dan il-proġett pilota jiġu riportati. Għalhekk, il-prefinanzjament relatat inizjalment mistenni fl-2020 jeħtieġ li jsegwi l-appropriazzjonijiet ta' impenn. Billi l-appropriazzjonijiet ta' pagament ivvutati għall-2021 (EUR 950 000) mhumiex se jkunu biżżejjed biex jonoraw l-ammont sħiħ ta' impenji, u abbażi tal-punt (c) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għandu jiġi riportat l-ammont ta' EUR 250 000.

### **2 18 07 01 Appoġġ ta' Emerġenza fl-Unjoni**

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	2 610 000 000,00
Pagamenti li saru fil-31.12.2020	2 231 227 697,02
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	378 772 302,98
<b>Riport</b>	<b>378 772 302,98</b>

Minħabba dewmien fir-riċeviment tad-dokumenti ta' appoġġ rilevanti, jew fil-finalizzazzjoni tal-kuntratti, xi pagamenti inizjalment previsti fl-2020 huma posposti għall-2021:

- it-tieni pagament parzjali ta' wieħed mill-fajls tal-vaċċini Covid-19 fejn ir-rapport tekniku ppreżentat fl-2020 ma tqiesx sodisfaċenti;
- fil-qafas tar-rimborż tal-operazzjonijiet tal-merkanzija mill-Istati Membri, il-benefiċjarji ta' għotjiet akbar irrappurtaw dewmien, peress li jridu jistennew Ċertifikat dwar id-Dikjarazzjoni Finanzjarja mħejji minn awditur indipendenti;
- test rapidu tal-antiġeni, li għalih huma mistennija li jiġu ffirmati kuntratti speċifiċi u ftehimiet ta' donazzjoni f'Jannar.

Għadd kbir minn dawn il-pagamenti se jsiru fl-ewwel xhur tal-2021. Barra minn hekk, fl-2021 se jkunu dovuti diversi pagamenti għal inizjattivi oħra, inkluża l-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet għat-traċċar, ir-robots tad-diżinfekzzjoni, il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa għall-migranti u l-komunikazzjonijiet lokali fil-gżejjer Griegi, kif ukoll l-azzjonijiet li fadal li jridu jitħallsu skont l-inizjattivi relatati mas-saħħa.

L-appropriazzjonijiet ta' impenn ivvutati għall-2021 (EUR 90 000 000) mhumiex se jkunu biżżejjed biex jonoraw dawn l-impenji pendenti kollha. Għaldaqstant, abbażi tal-punt (c) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għandu jiġi riportat l-ammont ta' EUR 378 772 302,98.

### 3 33 03 05 L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	11 672 000,00
Pagamenti li saru fil-31.12.2020	9 714 318,74
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	1 957 681,26
<b>Riport</b>	<b>1 957 681,26</b>

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew se jsir awtonomu fl-2021, bil-baġit tiegħu stess għall-2021 ta' EUR 44 952 790 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. Peress li l-baġit tal-UE se jkollu jikkontribwixxi dawk l-approprjazzjonijiet fl-2021, u peress li, barra minn hekk, għandu impenji li saru fl-2020 li għad iridu jitħallsu fl-2021 (RAL), l-approprjazzjonijiet ta' pagament ivvutati tal-2021 fuq il-linja baġitarja tal-UE mhux se jkunu biżżejjed. Għalhekk, abbażi tal-punt (c) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għandu jiġi riportat l-ammont ta' EUR 1 957 681,26.

### 4 23 03 02 02 Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza f'każ ta' diżastri kbar f'pajjiżi terzi

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	34 812 437,26
Pagamenti li saru fil-31.12.2020	18 203 154,79
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	16 609 282,47
<b>Riport</b>	<b>16 609 282,47</b>

Minħabba dewmien fil-preżentazzjoni mill-Istati Membri ta' talbiet għal rimborż ta' titjiriet ta' ripatrijazzjoni, xi pagamenti inizjalment mistennija fl-2020 huma posposti għall-2021. Għalhekk, billi l-approprjazzjonijiet ta' pagament ivvutati għall-2021 (EUR 22 368 874) mhumiex se jkunu biżżejjed biex jonoraw dawn l-impenji, u abbażi tal-punt (c) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għandu jiġi riportat l-ammont ta' EUR 16 609 282,47.

### 5 26 03 77 06 Azzjoni preparatorja -- Governanza u kwalità tal-kodiċi ta' software -- Awditjar ta' software liberu u b'sors miftuħ

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2020	472 081,50
Pagamenti li saru fil-31.12.2020	426 856,50
Ammont mhux użat fil-31.12.2020	45 225,00
<b>Riport</b>	<b>45 000,00</b>

Minħabba l-Covid-19, xi attivitajiet ippjanati fl-2020 għal din l-azzjoni preparatorja ddewmu u l-pagament finali ġie pospost għall-2021. Għalhekk, billi l-ebda approprjazzjoni ta' pagament ma hija disponibbli taħt il-baġit ivvutat għall-2021 għal din l-azzjoni, u abbażi tal-punt (c) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, għandu jiġi riportat l-ammont ta' EUR 45 000.